**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 1 ta' Lulju, 2020**

**Talba Nru: 344/2019 PM1**

**BNF Bank p.l.c. gja Banif Bank (Malta) p.l.c. (C41030)**

**Vs**

**Tennielle Mizzi (K.I. 0589390(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ewwel (1) ta' Novembru, 2019 illi l-konvenuta ghandha tigi dikjarata debitrici tal-kumpannija attrici fis-somma t'elf, mitejn u sebgha u sebghin euro u zewgt centezmi (€1277.02) u specifikatament 1. fuq il-*Credit Card number* (omissis) li l-konvenuta ghandha mal-kumpannija attrici (skont il-*Credit Agreement* markat Dok. 'A') hemm dovut l-ammont ta' tlett mija u disgha u tletin euro u wiehed u sebghin centezmi (€339.71) li sal-14 t'Ottubru 2019 kien jinkludi imghaxijiet ta' sebgha u sebghin centezmu (€0.77) (skont *statement* bankarju markat Dok. 'B') u 2. fuq il-

*current account* numru (omissis) li l-konvenuta ghandha mal-kumpannija attrici (ara *Account Opening Form* markata Dok. 'C'), hemm dovut l-ammont ta' disa' mija u sebgha u tletin euro u wiehed u tletin centezmu (€937.31) li sal-14 t'Ottubru 2019 kien jinkludi imghaxijiet ta' tlett euro u sebgha u tletin centezmi (€3.37) (ara l-*istatement* bankarju markat Dok. 'D') kif ulterjorment dettaljat fl-istess avviz bl-ispejjez legali, *bank charges* u *fees* u bl-imghaxijiet mill-14 t'Ottubru 2019, sad-data tal-hlas effettiv. L-imghaxijiet qed jintalbu kwantu l-ammont dovut fuq il-*Credit Card* fuq imsemmija bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena u kwantu l-ammont dovut fuq il-*Current Account* fuq imsemmi bir-rata t'ghaxra fil-mija (10%) fis-sena (ara markar bl-ahdar fuq Dok. 'J'). Il-konvenuta giet ingunta in subizzjoni filwaqt li t-talba saret minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuta.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba a sostenn tal-istess talba rispettivament immarkati Dok. 'A' sa Dok. 'J' (fol. 5 sa fol. 25 tal-process).

Ra li waqt is-seduta tal-lum ir-rapprezentanti legali tal-partijiet ikkonfermaw illi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet permezz ta' liema l-konvenuta kienet ser tammetti t-talbiet attrici kif dedotti kontriha.

Ra u sema' l-qari tan-nota t'ammissjoni tal-istess konvenuta prezentata waqt is-seduta tal-lum.

Ikkunsidra l-ftehim milhuq bejn il-partijiet u l-ammissjoni tal-konvenuta kif hawn fuq imfisser.

Ghaldaqstant it-Tribunal, in vista tal-ammissjoni registrata mill-istess konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-bank attur is-somma mitluba ta' elf, mitejn u sebgha u sebghin euro u zewgt centezmi (€1277.02) dovuta mill-istess konvenuta lill-bank attur ghar-ragunijiet inidikati fl-avviz tat-talba kif ammessa minna stess, bl-ispejjez legali, *bank charges* u *fees* u bl-imghaxijiet mill-14 t'Ottubru 2019

skont ir-rati indikati fl-istess talba ammessa u cioe` bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena fir-rigward tal-ammont dovut fuq il-*credit card* indikata fl-avviz u bir-rata t'ghaxra fil-mija (10%) fis-sena in kwantu ghall-ammont dovut fuq il-*Current Account* ukoll indikat fl-avviz, sad-data tal-hlas effettiv. It-talba qed tintlaqa' kif ammessa u cioe` minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**